MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1208/1997/1

***Andrew Borg Cardona***
***vs***
***Juan Muscat***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur, wara li **ppremetta**: illi fl-4 ta' Gunju 1996 ghal xi s-2.00a.m., waqt li l-attur kien qed isuq il-car Fiesta Nru. ABC 001, propjeta' tieghu, fil-Gzira, minn Sliema Road biex jaqsam – bit-traffic light juri l-ahdar – Rue D'Argens fid-direzzjoni ta' Regional Road, huwa safa' involut f'incident awtomobilistiku ma l-vettura Mini Nru. CAC 076 li kienet misjuqa mill-konvenut go Rue D'Argens fid-direzzjoni tal-Msida – bit-traffic light juri l-ahmar (Dok. A); illi bhala konsegwenza ta' l-incident, l-attur garrab danni ammontanti ghal total ta' elf disgha u disghin lira (Lm 1099) skond l-annessi dokumenti markati minn Dok. B sa Dok. G; illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien

jahti unikament l-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; illi l-konvenut, interpellat biex jghamel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqa' inadempjenti;

**Talab** li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur;
2. tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' elf disgha u disghin lira (Lm 1099) jew ammont verjuri occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
3. tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf disgha u disghin lira (Lm 1099) jew dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Novembru 1996 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. illi l-habta awtomobilistika li sehhet fl-erba' ta' Gunju elf disa mija u sitta u disghin meta l-esponent kien qed isuq Mini Minor numru CAC-076 waqt li huwa kien niezel minn Rue D'Argens mid-direzzjoni ta' Tas-Sliema u dan meta kellu d-dritta li jaghmel hekk fuq it-traffik lights mixghula ahdar kien l-attur li b'mod negligenti hareg minn Sliema Road meta l-lights kienu fuq l-ahmar u li b'hekk huwa l-attur unikament responsabbli ta' l-incident imsemmi;
2. illi infatti l-esponent fil-proceduri li diga' gew decizi fl-ghoxrin ta' Marzu elf disa mija u seba' u disghin quddiem il-Qorti tal-Magistrati in konnessjoni ma dan l-incident,

huwa kie gie lliberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;
3. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda u respinti kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u bl-ispejjez kollha kontra tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-kontro talba maghmula mill-istess konvenut li permezz taghha wara li ppremetta: illi fl-4 ta' Gunju 1996 ghal xi s-2.00am, waqt li l-konvenut kien qed isur il-vettura propjeta tieghu tal-marka Mini Minor bin-numru tar-registrazzjoni CAC 076 niezel l-isfel minn Rue D'Argens minn ta' Sliema liejn il-Gzira huwa kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura propjeta tal-attur, Ford Fiesta numru ABC 001; illi dan l-incident sehh primarjament minhabba illi l-attur qabad u qasam Rue D'Argens minn go Sliema Road meta d-dawl tat-Traffic lights kien ahmar u dahal fil-vettura tal-konvenut li kienet miexja fid-dritta peress li d-dawl tat-Traffic lights fuq il-lane tal-konvenut kien ahdar; illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament l-attur minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti; illi bhala konsegwenza ta' l-incident, l-attur garrab danni ammontanti ghal total ta' elf u erbghin lira Maltin (Lm 1040) skond l-annessi dokumenti minn Dok A sa Dok E.

Talab li l-attur jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku imsemmi u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur;
2. tillikwida d-danni tal-konvenut fl-ammont ta' efl u erbghin lira Maltin (Lm 1040) jew ammont verjuri occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundannah ihallas lil konvenut is-somma ta' elf u erbghin lira Maltin (Lm 1040) jew dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linja ta' danni;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ din il-kontro talba, kontra l-attur minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut rikonvenjonant, u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat li permess taghha eccepixxa:
1. l-ewwel talba tal-konvenut ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-attur eccipjent izda gara unikament tort tal-konvenut innifsu;
2. it-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x’jigu likwidati favur il-konvenut;
3. isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-attur eccipjent m’ghandhux ikun kundannat ihallas danni lill-konvenut
4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur rikonvenzjonat, u l-lista tax-xhieda;

Rat il-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tad-29 ta’ Marzu 2001 li testwalment jaqra hekk: *“Id-difensuri jaqblu dwar il-quantum tad-danni” [fol.62].*

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2003 l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-kaz odjern origina minn incident stradali li sehh fl-4 ta’ Gunju 1996 ghal habta tas-2.00 am fl-inkrocju li hemm f’ Rue D’Argens kantuniera ma’ Sliema Road bejn il-vettura

tal-ghamla Fiesta numru ABC 001misjuqa mill-attur, u l-vettura Mini numru CAC 076 misjuqa mill-konvenut. Mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Meta l-konvenut kien niezel bil-vettura tieghu minn Rue D'Argens huwa safa involut f' kollizjoni mal-vettura misjuqa mill-attur li harget minn Sliema Road. Huwa pacifiku li fl-inhawi hemm traffic lights li jidderigu t-traffiku kemm dak niezel minn Rue D' Argens kif ukoll dak diehel go din l-istess triq minn Sliema Road. Huwa pacifiku wkoll li triq Rue D' Argens li minnha kien ghaddej il-konvenut hija triq principali fil-konfront ta' Sliema Road li minnha kien ghaddej l-attur. Iz-zewg partijiet, li fil-hin tal-incident kienu wahedhom fil-vetturi rispettivi taghhom, taw versjonijiet kontrastanti f' certu aspetti determinanti dwar id-dinamika tal-incident.

*Versjoni attur*

Illi l-versjoni tal-attur hija fis-sens li meta huwa kien wasal biex jaqsam Rue D' Argens minn Sliema Rd, *"id-dawl tal-pedestrian crossing kienu jindikaw l-ahdar, cioe' li t-triq kienet libera u li jiena stajt nghaddi"*[1] Waqt li huwa kien qieghed jaqsam, dahlet fuqu il-vettura misjuqa mill-konvenut, u laqtitu fuq il-mudguard lemini ta' quddiem *"izda bl-impatt tad-daqqa jien ntfajt fuq il-bankina tal-faccata".* Meta hareg mill-vettura tieghu u rrimarka lill-konvenut li d-dawl fuq in naha tieghu kien ahdar, skond l-attur, il-konvenut irrispondih "X'dawl hu"? Fix-xhieda tieghu l-attur ikkonferma l-ammont ta' Lm1,099 li hu hallas bhala danni emergenti.

*Versjoni konvenut*

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut qal li hu kien niezel minn Rue D' Argens bl-iskop li jikser ma' Sliema Road max-showroom ta' Arcidiacono. Huwa qal li fit-triq quddiemu f' distanza ta' tul ta' tlett xarabanks kien hemm karrozza wahda li kienet fl-istess karregjata tieghu u li kienet wieqfa quddiem it-*traffic lights* li dak il-hin kienu jixghelu l-ahmar. Sussegwentement qaleb id-dawl ahdar, u ghalhekk il-konvenut, li sa dak il-hin kien ghadu ma waqafx, baqa' ghaddej wara ta'quddiemu. Hekk kif il-konvenut kien ser

[1] Fol.56

jikser ghal go Sliema Rd *"harget sparata"* minn naha t' isfel il-karrozza misjuqa mill-attur u baqghet diehla go fih fuq il-mudguard xellugi ta' quddiem. *"Jien din il-vettura ma rajthiex hierga u lanqas wieqfa biex tohrog, izda hareg sparat ghal fuqi….la darba jien soqt fuq id-dawl ahdar qatt ma ppretendejt li minn Sliema Rd. ser johorgu xi vetturi"*[2] Il-konvenut kompla jispejga li d-daqqa li qala tant kienet qawwija li spicca fil-faccata ta' hanut li hemm fil-kantuniera.

Il-konvenut spejga li huwa hassu urtat b' dak li kien nizzel is-surgent tal-pulizija fir-rapport tieghu fis-sens li l-konvenut qallu *a tempo vergine* li huwa kien baqa' ghaddej fuq l-ahmar. Il-konvenut cahad kategorikament li huwa kien qal dan id-diskors lis-surgent.

Il-konvenut qal ukoll li, wara l-incident, sar jaf li dwar it-traffic lights kien hemm kwistjoni, li kien involut fiha anke l-Kunsill Lokali tal-Gzira, fis-sens li xi minn daqqiet id-dawl taz-zewg nahat jixghelu t-tnejn fuq l-ahdar. In fine huwa rrimarka li fl-ahhar tar-rapport tieghu is-surgent nizzel *"Ma kienx hemm ksur ta' regolamenti tat-Traffiku"*[3]

*Ps1417 Stephen Tarpi*
Illi fid-deposizzjoni tieghu[4], dan ix-xhud spjega li huwa kien mar fuq il-post tal-incident ftit tal-hin wara l-kollizzjoni, u ddeskriva l-hsara li garrbu l-vetturi. Il-vettura CAC 076 misjuqa mill-konvenut garrbet hsara fuq il-<u>faccata ta'quddiem kollu</u>, fuq il-bieba ta' quddiem lemini, u l-mudguard t' quddiem, <u>xellug u lemin</u>. Il-vettura numru ABC 001 garbet xi hsarat fuq il-bonnet u l-mudguard ta' quddiem fuq il-lemin, il-bieba ta' quddiem tal-istess naha u il-bumper ta' quddiem.

Rigward il-versjonijiet li nghataw mill-partijiet *a tempo vergine* fuq il-post tal-incident, ix-xhud qal li, filwaqt li l-attur qallu li huwa kien qed jaqsam Rue D' Argens meta t-traffic lights fuq in-naha tieghu kienu qed jixghelu ahdar, *"Muscat qalli li huwa kien baqa' ghaddej meta kien hemm*

[2] Fol.70
[3] Okkorrenza Dok.FGC1
[4] Fol.34-35 – Dep.16.11.1998

*id-dwal homor".* Fuq kontro ezami qal*: "Jista' jkun l-kaz li qalli kienu fuq l-ahmar u xeghelu fuq l-orange, pero ma kienx ghadu xeghel green".*[5] Di fatti fir-road accident report u fl-okkorrenza relattiva, mghamula mill-istess xhud, hemm imnizzel li skond il-versjoni tal-konvenut *a tempo vergine*, dana qal lis-surgent li meta kien niezel minn Rue D' Argens id-dwal kienu homor. *"Driver of car CAC 076 stated that he was proceeding down Rue D' Argens when the traffic lights were on red.."*[6]

Fid-deposizjoni tieghu ulterjuri[7] ix-xhud, filwaqt li rega' kkonferma l-ezattezza tal-kontenut tar-road accident report, esebixxa kopja tal-okkorrenza. Ix-xhud kkonferma li, wara li ghamel il-verifiki, il-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati in konnessjoni ma' dan l-incident akkuzat talli saq meta skond it-traffic lights kellu jieqaf, izda l-Qorti kienet illiberatu minn din l-akkuza.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Mill-provi migjuba jidher car li l-qofol tal-kwistjoni timpernja dwar jekk hux minnu li l-konvenut baqa' ghaddej meta t-traffic lights fuq in-naha tieghu tat-triq kienu jindikawlu li kellu jieqaf. Dan huwa punt krucjali u huwa determinanti ghall-finijiet tal-esercizju odjern, stante li, f' dawk ic-cirkostanzi, jekk jirrizulta li l-konvenut verament saq meta skond it-traffic lights kellu jieqaf, allura s-sewqan tieghu ghandu jigi meqjus bhala sewqan imprudenti u negligenti, u anke perikoluz, u dan n-nuqqas tieghu jikkostitwixxi l-kawza prossima u immedjata tal-incident in ezami.

Illi f' dan il-kaz il-versjonijiet tal-partijiet jikkontradicu lil xulxin fuq dan l-aspett tal-kawza; u ghalhekk hija gusta u relevanti l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia***[8] fis-sens li *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-*

[5] Fol.35
[6] Road Accident Report – Dok.A [fol.5]
[7] Fols.45-47 Dep.15.10.1999
[8] per Imhallef M. Caruana Curran deciza 24 ta' Novembru 1966 – kwotata fil-kawza PA [PS] ***Kmandant tal-Forzi Armatik ta' Malta vs Francis Difesa*** deciza 28 ta' Mejju 2003.

*kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*

Illi fil-meritu l-Qorti tikkonsidera opportun is-segwenti konsiderazzjonijet li jittrattaw is-sottomissjonijiet maghumla mill-partijiet fin-Noti rispettivi taghhom:

**1.** Illi fl-ewwel lok jigi ribadit li l-azzjoni kriminali hija ndipendenti u distinta mill-azzjoni civili; kif inhu wkoll differenti l-livell ta' prova mehtieg f' dawn iz-zewg oqsma tal-ligi, ghax filwaqt li fil-kamp civil il-livell ta' probabbilita' huwa meqjus bhala sufficjenti biex tissodisfa l-vot tal-ligi, fil-kamp penal il-grad ta' prova huwa izjed oghla u izjed rigidu, fis-sens li dubbju ragjonveli huwa bizzejjed biex iwassal ghall-liberazzjoni mill-akkuza. Ir-relevanza ta' dawn il-konsiderazzjonijiet fil-kaz odjern tirrisjedi fil-fatt li l-konvenut kien gie liberat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-akkuza li saq kontra s-sinjal tat-traffic lights. Il-Qorti tosserva in propositu li l-fatt li l-konvenut kien gie liberat minn din l-akkuza, m' ghandux iwassal necessarjament ghall-prova kuntrarja <u>fil-kamp civili</u>. Fi kliem iehor, il-fatt li l-konvenut kien gie liberat minn dik l-akkuza, ma ghandux jigi meqjus *per se* bhala prova konklusiva li huwa ma kienx fil-fatt qed isuq meta t-traffic lights kienu jimmarkaw bl-ahmar. Kif issottometta ben tajjeb id-difensur tal-attur: *"Ma jirrizultax il-mod kif tressaq il-kaz quddiem dik il-Qorti, lanqas il-provi li tressqu, lanqas il-persuni li xehdu. Dak li seta' sehh quddiem din il-Qorti huwa rilevanti biss fil-kuntest ta' dawk il-proceduri .."*[9]

**2.** Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut qal li, wara l-incident, sar jaf li kien hemm kwistjoni fis-sens li t-traffic lights ta' dawn iz-zewg toroq ma jalternawx, izda kien hemm okkazzjonijiet fejn id-dwal xeghlu t-tnejn fuq l-ahdar. Huwa qal li kien anke involut il-Kunsill Lokali tal-Gzira. In propositu, il-Qorti tosserva li l-massima legali applikabbli

[9] Nota Osservazzjonijiet attur – fol.89

hija, *onus probandi incumbit ei quid dicit non ei qui negat*; izda il-konvenut ma ressaq ebda xintilla ta' prova f' dan ir-rigward imma strah fuq asserzjoni tieghu nuda u cruda, u ghalhekk *quod gratis asseritur gratis negatur.* Dan certament ma jissodisfax il-grad ta' prova li tesigi l-ligi. Inoltre, il-Qorti tosserva li, jekk verament il-konvenut jemmen dan il-fatt minnu allegat, huwa lecitu li wiehed jistenna li dan jgib provi in propositu, *multo magis* meta l-importanza f' dan il-kaz tal-prova tas-sinjali li kienu jidhru fil-mument tal-incident tirrizulta manifesta. Ghaldaqstant in mankanza ta' provi kuntrarji f' dan ir-rigward, hija lecitu l-presunzjoni li t-traffic lights kienu jahdem b' mod normali minghajr malfunzjonament.

**3.** It-tielet osservazzjoni ta' din il-Qorti tirrigwarda l-kredibilita' li ghandha tinghata lill-versjonijiet tal-partijiet. Fi kliem iehor jekk din il-Qorti ghandhiex taccetta bhala veritiera: jew t-tesi tal-attur li meta saq hu, id-dawl kien ahdar, jew il-versjoni jew versjonijiet tal-konvenut li meta saq hu, id-dawl tan-naha tieghu kien ahdar. F' dan ir-rigward, iz-zewg kriterji li ghandha taddotta l-Qorti huma dawk tal-konsistenza u verosimiljanza.

In propositu l-Qorti tirrileva li, filwaqt li t-tesi tal-attur kienet <u>konsistenti matul il-process kollu</u>, u cioe' *ab ovo* mill-hin tal-investigazzjoni tal-incident tul il-process gudizzjarju kollu, it-tesi tal-konvenut tinsab serjament imminata u mdghajjfa bi provi li rrizultaw waqt is-smigh tal-kawza. F' dan il-kuntest, ix-xhieda tas-surgent Tarpy, xhud disinteressat f' sens li ma kienx involut fl-incident *ut sic*, tassumi relevanza qawwija. Is-surgent kemm fir-road accident report, kemm fl-okkorrenza esebita minnu kif ukoll fix-xhieda tieghu qal li l-konvenut qallu, *a tempo vergine* li huwa kien baqa' ghaddej meta d-dawl kien fuq l-ahmar. Ghalkemm fil-kontro ezami dan ix-xhud qal li <u>jista' jkun</u> li minnflok ahmar il-konvenut qallu orange, pero' ix-xhud kkonferma li zgur ma qallux li d-dawl kien ahdar. Fi kliem iehor, is-surgent kien konsistenti dwar il-fatt li skond il-versjoni tal-konvenut dana baqa' ghaddej <u>meta d-dawl ma kienx ahdar</u>. Dan jappatjeni ghal qofol tal-kwistjoni. Jekk meta l-konvenut baqa' ghaddej id-dawl ma kienx ahdar huwa kien qed isuq b' mod perikoluz u s-sewqan

tieghu wassal ghall-incident in disamina. Fil-fehma tal-Qorti, l-versjoni tal-attur hija aktar kredibbli u ssib konfort fix-xhieda tas-surgent u anki f' dak li hu verosimili.

Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, inkluz il-posizzjoni tal-hsarat fil-vetturi, hija propensa li taghti affidament ghall-versjoni tal-attur u cioe' li dana saq meta t-traffic lights kienu qed jindikaw dawl ahdar, u ghalhekk kellu d-dritt, anzi l-obbligu, li jghaddi; u kien il-konvenut li b' nuqqas ta' attenzjoni baqa' ghaddej u dahal 'head on' fuq il-vettura ta' l-attur fuq in-naha ta' quddiem. Inoltre, il-mod kif spiccaw il-vetturi, jindika li l-konvenut kien qed isuq b' velocita' tali li ma ppermettilux li jkollu l-kontroll kontinwu tal-vettura li kien qed isuq. Dan in-nuqqas serju ta' diligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut, li mhux biss jikkwalifika bhala sewqan traskurat izda anke perikoluz, kien il-kawza prossima u immedjata tal-incident in disamina. Minn naha l-ohra, din il-Qorti ma tirravisa ebda nuqqas da parti tal-attur li b' xi mod seta' kkontribwixxa ghall incident.

In fine, rigward is-sottomissjoni maghmula mill-abbli difensur tal-konvenut fis-sens li fl-okkorrenza s-surgent nizzel li ma kienx hemm ksur tar-regolamenti u li allura, skond hu, ma setax kien korrett meta nizzel li l-konvenut qallu li kien miexi fuq dawl ahmar, il-Qorti tirrileva li din l-imprecizjoni da parti tas-surgent, kunsidrata fil-kuntest tal-fatt li sussegwentement ittiehdu passi kriminali kontra l-konvenut, ma timmilitax kontra t-tesi tas-surgent. Il-fatt provat huwa li, sussegwentement l-konvenut kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif fuq spjegat, u ghalhekk certament dik l-imprecizjoni tieghu fl-okkorrenza – mhux fir-road accident report li gie redatt dak il-hin tal-incident – ma toperax b' mod li tinnewtralizza il-kontent tar-road accident report, kif ukoll id-deskrizzjoni tal-indicent kif maghmula fl-okkorrenza.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet premessi, l-Qorti hi tal-fehma li l-incident de quo gara unikament tort tal-konvenut li konsegwentement ghandu jirripsondi u jaghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur; fl-istess hin, u konsegwenti ghall-istess, tiddikjara li t-talbiet tal-

konvenut rikonvenzjonant maghmula minnu fil-kontro talba tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

***Danni***
Illi dwar il-quantum tad-danni sofferit mill-attur fil-vettura tieghu, dawn gew indikati fl-att tac-citazzjoni fis-somma ta' Lm1,099. Kif fuq indikat, fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2001 il-partijiet kienu ddikjaraw li huma jaqblu dwar il-quantum tad-danni; u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddilunga aktar dwar dan l-aspett, hlief li tosserva li skond il-gurisprudenza meta l-ammont tad-danni jkun indikat fic-citazzjoni jew ikun di facile liquidazione, l-imghax fuq dak dikjarat jew facilment liquidabbli ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, li f' dan il-kaz hi 28 ta' Mejju 1997.[10]

***Decide***
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha tal-attur kif dedotti, u, filwaqt li tiddikjara li l-incident fuq riferit gara unikament tort tal-konvenut, tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li qed jigu likwidati fis-somma ta' ***elf u disa u disghin lira maltin (Lm1,099),*** u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma in linea ta' danni, bl-imghax legali mid-data tat-28 ta' Mejju 1997; bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat u tichad il-kontro talba tal-konvenut rikonvenjonant. Bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

[10] Vide. ***Vol.LXXXIII.II.92***; App.Kum. ***Perit Joseph Barbara vs Louis Naudi*** deciza 5 Marzu 1979; App.Civ. ***Mario Sacco vs Peter F.Scerri*** deciz 31 Jannar 2003;